MINUTI

KUNSILL LOKALI IŻ-ŻURRIEQ

L-GĦAXAR LEĠISLATURA
LAQGĦA NUMRU DISGĦA U GĦOXRIN

23 TA' SETTEMBRU, 2026

Il-Kunsill Lokali Iż-Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Iż- Żurrieq fil-17:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima u s-Sinjura Marisa D'Amato, s-Sur Kyle Mifsud, Dino Bonnici u s-Sinjorina Marylyn Sammut.

SKUŻAT

Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia
Il-Kunsillier Jeremy Coleiro
Il-Kunsillier Daniel Muscat
Il-Kunsillier Kenneth Farrugia

ASSENTI

-

UFFIĊĊJAL PREŻENTI

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

MINUTI

29.1		***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA***
29.1.1		Il-Kunsill irċieva email mingħand il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia u l-Kunsilliera Jeremy Coleiro, Daniel Muscat u Kenneth Farrugia li ma jistgħux jattendu għas-seduta minħabba raġuni personali. ***Dok 1 mehemuż***
29.2		***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI***
29.2.1		Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li fir-rigward li TM li qed tapprova un/loading bays wara li l-Kunsill ma qabilx. Hu insista li din mhix sistema tajba. Il-Kunsill ma jaqbilx ma dan u ma jaqbilx ukoll li mhux lil kull ħanut qed ikun stmat l-istess. Is-Sindku żieded tgħid li waqt laqgħa li kellha mal-AKL semmiet li ċertu stabbilimenti qed jitolbu dirett huma lil TM għal un/loading bay.

29.2.2		Il-minuti numru 28 ġew approvati.
29.3		***Komunikazzjoni mis-Sindku***
29.3.1		Is-Sindku qalet li : • Saret Clean up day u kunsillier wieħed biss flimkien mas-Sindku attendew. • Fl-ewwel weekend ta' Novembru ser isir iż-żbir taż-żebbuġ.
29.3.5		Is-Sindku qalet li : • l-Kunsill wara li pprova jġib stimi minn 3 kuntratturi biex jagħmlu manutenzjoni tal-arbli li inqalgħu minn Triq Dun Gużepp Zammit, ma irnexxielu jġib stimi. • Fl-4 ta' Ottubru ser issir attività f'Misraħ Repubblika 'Mill-pjazza għall-pjazza' u f'dik il-ġurnata ser jinfetaħ għall-pubbliku x-xelter ta' Triq il-Kbira. Is-Sindku stiednet lill-għaqdiet kollha tar-raħal u dawk li kienu preżenti ġew offruti kamra mix-xelter biex jarmawha b'affarijet tas-soċjeta tagħhom. Nhar it-Tnejn 28 ta' Settembru f'nofisnhar ser jiġi inawgurat mill-Onorevoli Ministru Owen Bonnici li kien hu l-Ministru li għin biex jiġi devolut lill-Kunsill Lokali. Ser ikun mistieden ukoll is-Sur Conrad Neil Gatt li kien il-persuna li insista biex il-Kunsill jiftaħ u jieħu f'idejh wieħed minn ħafna xelters li hawn fiż-Żurrieq. Hu għin ukoll b'suġġeriment ta' tindif/dawl u tiżjien tax-xelter.
29.4		***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI***
29.4.1		Il-Kunsillier Marisa D'Amato:- • Qalet li ma tistax tkun Malta waqt il-programm 'Mill-pjazza għall-pjazza' • Il-voluntiera tal-Cat Cafe jixtiequ jagħmlu bħal bazar biex ibiegħ xi affarijiet, biex il-qliegħ imur għall-Cat Cafe. Kien hemm qbil li issib ġurnata li ma jkunx hemm logħob tal-football, u l-attivita ssir fejn il-grawnd taż-Żurrieq FC.
29.4.2		Il-Kunsillier Marilyn Sammut talbet: • Talbet biex isiru bus stops ġodda fin-Nigret u Bubaqra u tiżdied rotta li tgħaddi minn Triq it-Tin, sabiex ir-residenti ta' Bubaqra u Triq in-Nigret ikunu moqdija aħjar, issa li żdiedu ħafna r-residenti fl-akwati. Ser tintalab it-talba lill-Public Transport. Is-Sindku qalet li għalissa ma jistgħux isiru bus shelters ġodda. • Triq Bubaqra hemm nuqqas ta' dawl u anke fi Vjal l-Indipendenza. Kien hemm qbil li jekk ir-residenti jaqblu li titwaħħal mar-residenza tagħhom, il-Kunsill m'għandux isib problema li titwaħħal. • Talba biex jerġgħu jitwaħħlu l-bankijiet li kien hemm fil-pjazza Santa Marija f'Bubaqra. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ma jistgħux jerġgħu jsiru minħabba

		li hemm residenti li ma jriduhomx quddiem il-propjeta tagħhom. Min jitlob bank irid jaċċettah quddiem il-propjeta tiegħu u mhux quddiem ħaddieħor. • Biex isir Christmas Market anke f'Bubaqra. Kien hemm qbil li issir attivita f'Bubaqra ukoll. • Biex jitneħħew id-double yellow lines fi Sqaq Ballott. Is-Sindku qalet li dik pika ta' ġirien u mhux ser tidħol fiha.
29.4.5		Il-Kunsillier Dino Bonnici qal: • Tkellem fuq xogħlijiet fi Vjal il-Blue Grotto li saru mill- WSC. • Il-bieraħ saret laqgħa mal-ġenituri tat-tfal tal-awtiżmu biex isir il-pjan li kellu Iż-Żurrieq FC bl-għajnuna tal-Kunsill Lokali. Dan it-taħriġ ser jibda jsir kull nhar ta' Sibt. • Triq Filippu Farrugia biex isiru double yellow lines ma garage għax ma jkunux jistgħu joħorġu. • Staqsa fuq ir-regolarizzazjoni tal-Monti. Is-Sindku qalet li issa li m'hemmx problemi mar-residenti, ma taħsibx li l-Kunsill għandu jerġa jqajjem il-każ. Il-Kunsill kien qabel li jekk jiċċaqlaq il-post jiġi irregolarizzat. Kien hemm qbil li l-Kunsill jistaqsi lis-Sur Mario Fava kif jista jiġi irregolarizzat u kemm hi twila l-proċedura. • Talab biex fl-aġenda li jmiss jittella item biex Triq De Mello issir one way.
29.4.6		Il-Kunsillier Kyle Mifsud : • Intalbet parkeġġ għall-persuni b'diżabilta fi Triq ta' Ciantar biex ikun komuni għal kulħadd. Kien hemm qbil li l-Kunsill japplika għall-parkeġġ komuni fi Triq Inglott. • Staqsa fuq il-proġett ta' Misraħ il-Madonna tal-Ħniena. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li illum kellha risposta li ' Project Green ma tafx jekk għandix tkun parteċipi fih'. Is-Sindku għandha tkellem lill-Project Green fuq dan. • Biex jiżdied id-dawl fil-bell veder ta' Triq Frangisk Coleiro u jiżdiedu l-bankijiet. • Biex issir laqgħa mal-għaqdiet u l-kuntrattur li issoltu jżejjen it-toroq, fir-rigward tad-dawl tal-Milied. Kien hemm qbil li l-laqgħa issir 6 ta' Ottubru, fis-18:30. Kien hemm qbil biex jinġabru stimi għal tiżjien ta' toroq Triq Dun Ġużepp Zammit u Vjal ix-Xarolla u Misraħ Mattia Preti.
29.5		***Tender :*** ***Services of an Accountant,***

29.5.1		Servizz ta' Accountant - kien hemm 8 offerenti Fir-rigward tat-tender tal-Accountant kienu saru xi mistoqsijiet lill-orħos offerent u tweġiba ma waslitx. Għalhekk kellna immorru għat-tieni l-orħos offerent. Din id-darba kien hemm żewġ kumpaniji bl-istess prezz u għalhekk intalbu biex jagħtu skont għas-servizz tagħhom. Dawn inzertaw erġgħu taw l-istess prezz. Għalhekk ġie ssuġġeriet li l-offerta tinqasam bejn żewġ kumpaniji u jaħdmu sentejn kumpanija u sentejn kumpanija oħra. Kien hemm qbil fuq dan. It-tenders l-oħra li kienu ħarġu ingħataw hekk kif ġew approvati fl-aħħar seduta.
29.7		**Ittra mingħand avukat f'isem familja li toqgħod fi Triq San Bartilmew mibgħutha lis-Sindku**
29.7.1		Inqrat l-ittra li s-Sindku irċeviet mingħand avukat biex jinsisti li familja li toqgħod fi Triq San Bartilmew ikollha *junction box* safra quddiem ir-residenza tagħha, sabiex ikollha aċċess għal darha. Fl-aħħar seduta meta kienet qed titkellem is-Sindku fl-aħħar seduta, ġiet imwaqqfa minn ċertu Kunsilliera għalhekk ma ħassitx li għandha tibgħat sketċ kif kienet mitluba biex tagħmel (minn 3 kunsilliera),ta' kif kien il-ħsieb tagħha li ssir il-kaxxa għal tali resident. Is-Sindku qalet li ġaladarba din il-problema inħolqot minn deċiżjoni ta' TM, din it-talba ser tagħddi lill-TM ukoll għal deċiżjoni finali. Wara dan kollu l-Kunsill Lokali mhux ser jerġa jressaq dan il-każ.
29.8		***Items oħra ta' xogħlijiet tal-Kunsill li jkunu meħtieġa.*** ***Approvazzjonijiet ta' xogħlijiet u servizzi***
29.8.1		Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet: • Il-Kunsill ikkonferma li ser jinbidlu l-bins taż-żejt li hawn madwar iż-Żurrieq u dawn ser isiru ta' materjal tal-ħadid, biex ikun faċli li jinżammu nodfa. Żdidet ukoll bin blu tal-ħwejjeġ fejn dik eżistenti ta' Triq Wied Babu minħabba li dejjem kienet qed tkun mimlija. • Fi Triq Hompesch hemm garage li ta' kuljum qed ikun ostakolat bil-vetturi għalkemm hemm id-double yellow lines. Dan qed jissuġġerixxi li jsiru poles minflok. Kien hemm qbil fuq dan. • Biex jitneħħa l-parkeġġ ta' mutur li hemm fi Triq iċ-ċombini għaliex hu ta' ostaklu għal min juża l-garage. Kien hemm qbil fuq dan.

		• Transport Malta tat pjanti ta' disinn ta' Traffic management għall-Vjal l-Indipendenza, dan jinvolvi linji fit-triq, parkeġġi ġodda u xi xogħol ieħor fejn jitneħħew siġar u jsiru parkeġġi. Hemm tibdil kbir fit-triq u sistema tat-traffiku għalhekk kien hemm qbil li din titressaq item fuq aġenda li jmiss. • L-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali ressqet proposta biex il-Kunsill jikkunsidra jidħol fi proġett pilota għall-ġbir taż-żejt tat-tisjir użat. Isiru installazzjoni ta' kontenituri apposta f'żoni identifikati u l-Kunsill ikun rimborżat 20c għal kull kilogramma ta' żejt miġbur. Kien hemm qbil fuq dan. • Fit-27ta' Awwissu, saret laqgħa mal-Onor. Ministru Civelli, fejn kienu preżenti s-Sindku u l-Kunsilliera Marisa D'Amato u Kenneth Farrugia flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv. Ġew mitkellma x -xogħlijiet tal-Cleansing Departiment, PW u Cat cafe. Il-Ministru wedgħet li ser tkun qed tgħin mill-aħjar li tista f'kull qasam. • Persuna li għandha Business ta' dog sitting qed titlob permess biex twaħħal QRcode żgħir mad-dog bins li hawn fiż-Żurrieq. Il-Kunsill aċċetta dan l-aqwa li tagħti donazzjoni għal Cat Cafe kull sena. • Il-persuna imqabda mill-Kunsill Lokali biex tiċċekkja l-gabbani tal-festi u s-siġġijiet tal-ħwienet waqt il-festi, ġibded l-attenzjoni tal-Kunsill li kien hemm min ħallas diversi drabi biex ipoġġi gabbana u għalkemm ikunu ħalsu ma jattendux. Dawn skond l-avukat, jistgħu jiġu avżati li jekk ser iħallsu u ma jattendux , jaqalhom il-permess. Oħrajn kellhom ammont akbar ħafna ta' siġġijiet mil-permess li jkunu ħalsu għalih (ġie ssuġġeriet li min jaqbeż l-ammont tal-permess ikun ippenalizzat u jħallas il-penali mal-permess li jkun imiss). Kien hemm qbil fuq dan. • Persuna talbet permess biex torganizza attivita fejn ser ikunu preżenti persuna adulti biss. Din l-attivita ser issir fid-9 ta' Ottubru u tinvolvi bbq bil-gass, ikel u xorb. Mhux ser ikun hemm diski. Il-post hu fil-ġnien il-ġibjun fuq wara. Ma kienx hemm qbil għax hemm attività oħra. • Il-Kunsill ġie mitlub jekk jaċċettax li jagħti t-tilqima tal-influwenza fil-binja tal-Kunsill Lokali u joffri s-servizz hu. Kien hemm qbil li dan is-servizz jerġgħa jingħata mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali. • Residenti li qed jirrinova d-dar tiegħu qed jitlob biex tiġi eliminata bankina fi Triq San Bartilmew, minħabba, li minflok tieqa ser isir garaxx. Kien hemm qbil fuq dan. • Resident fi Triq Il-Karmnu qed jissuġġerixxi li jsir culvert ieħor fl-isqaq il-Karmnu numru 3, għaliex l-ilma tax-xita mhux ilaħħaq u qed jidħollu fil-propjeta tiegħu. Kien hemm qbil li l-Kunsill jitkellem mal-kuntrattur u l-perit tal-istess kuntrattur qabel isir ix-xogħol. • Biex isir culvert fi Triq San Mikiel. Ma kienx hemm qbil għax it-triq qedgħa għan niżla diġà. • Ser ikollna bżonn generator biex inkunu nistgħu niftħu x-xelter u jkollu d-dawl. Dan jista jservi għal affarijiet oħra wara. Is-Sindku ssuġġeriet li l-generator ikun parti mill-ispejjeż ta' Minn Pjazza għall-Pjazza, minħabba li ser ikun miftuħ l-ewwel darba f'din l-attivita. Kien hemm qbil fuq dan.

		• Ser terġa issir in-nofs maratona u l-ġirja tal-10K fiż-Żurrieq fil-15 ta' Novembru. Kien hemm qbil li l-Kunsill ma jħallasx għas-servizz ta' uffiċċjali pubbliċi. • Tressqet lista ta' ilmenti/suġġerimenti fuq il-linji tat-traffiku. Kien hemm qbil fuq il-lista kollha.
29.9		***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tar-Reġjun Punent.***
29.9.1		Tressqu il-minuti tar-Reġjun Punent numri 65.
29.10		***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI***
29.10.1		Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 5** għall-ammont totali ta' €107,209.09 Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima, u l-Kunsilliera Dino Bonnici u Kyle Mifsud.
29.11		***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS***
29.11.1		Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fl-20:40. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 28 Ottubru, 2026 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum ___ ta' Ottubru, 2026

Rita Grima
Sindku

Josianne Cilia Mumford
Segretarju Eżekuttiv